MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta tal-21 ta' Novembru, 2007

Rikors Numru. 939/2007

Alfred u Carmen konjuġi **GALEA**

vs

Saviour **PISANI**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors imressaq minn Saviour Pisani fis-6 ta' Settembru, 2007, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra talab li din il-Qorti (a) tħassar il-Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju Numru 980/07 maħruġ kontrih mill-intimati eżekutanti miżżewġin Galea fl-4 ta' Lulju, 2007 għall-finijiet tal-artikolu 836(1)(d)(e) u (f) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta; tikkundanna lill-istess miżżewġin Galea jħallsuh penali għall-finijiet tal-artikolu 836(8) tal-istess Kodiċi; u (ċ) f'każ li ma ssibx li għandha tħassar l-imsemmi Mandat, li torbot lill-istess miżżewġin Galea biex iressqu garanzija tajba għall-finijiet tal-artikolu 838A tal-Kodiċi;

Rat id-degriet tagħha tal-20 ta' Settembru, 2007, li bih ordnat in-notifika lill-intimati eżekutanti u appuntat ir-Rikors għas-smigħ tal-24 ta' Ottubru, 2007;

Rat in-Nota mressqa mir-rikorrent fit-22 ta' Ottubru, 2007, b'għadd ta' dokumenti mehmużin magħha;

Rat it-Tweġiba mressqa mill-intimati eżekutanti miżżewġin Galea fil-31 ta' Ottubru, 2007, li biha laqgħu għat-talbiet tar-rikorrent billi qalu li l-proċedura wżata mir-rikorrent ma kinitx tiswa għaliex ladarba diġa' hemm kawża pendenti bejn il-partijiet ir-Rikors messu tressaq fl-atti tal-imsemmija kawża u mhux fl-atti tal-Mandat. Fil-mertu, laqgħu ukoll billi qalu li ħafna mis-sottomissjonijiet tar-rikorrent kienu jolqtu l-mertu tal-kwestjoni li jmisshom ikunu determinati fil-kawża u mhux fi proċedura bħal din. Dwar it-talba tal-għoti tal-garanzija, huma temmew jgħidu li ma kienu jsibu l-ebda diffikulta' biex joffru garanzija bħal din sakemm din tkun fis-sura ta' ipoteka speċjali fuq il-ġid tagħhom;

Semgħet il-provi mressqa mir-rikorrent;

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet;

Rat id-degriet tagħha tal-1 ta' Novembru, 2007, li bih ħalliet ir-Rikors għall-provvediment;

***Ikkunsidrat***:

Illi din hija azzjoni maħsuba taħt l-artikolu 836 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Mit-talbiet li għandha quddiemha l-Qorti, ir-rikorrent qiegħed jipprova jneħħi minn fuqu għal kollox l-effetti ta' Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju li l-intimati ħarġu kontrih fl-4 ta' Lulju, 2007. Il-Mandat inħareġ dwar kreditu pretiż ta' erbgħin elf lira Maltija (Lm 40,000) fuq il-kawżali ta' "danni sofferti minħabba ingann tal-kontroparti". Il-Mandat inħareġ dak inhar stess li tressaq, u ġie notifika lil erba' sekwestratarji, lkoll banek kummerċjali;

Illi r-rikorrent eżekutat iqis li l-imsemmi Mandat għandu jitwaqqa' għaliex jgħid li l-Mandat inħareġ b'mala fidi, bi frugħa u biex idejjaq u dan billi l-kuntratt li fuqu l-intimati jibnu l-pretensjonijiet tagħhom ma sarx miegħu imma ma ditta kummerċjali li huwa kien qiegħed jidher għaliha fuq l-imsemmi kuntratt. Jekk l-intimati eżekutanti għandhom xi lment, imisshom iressquh kontra dik id-ditta u mhux kontrih personalment. Jgħaddi biex imbagħad isemmi għadd ta ċirkostanzi oħrajn li jmissu l-mertu talkwestjoni dwar il-kuntratt ta' kirja li sar. Jgħid ukoll li l-ammont pretiż mill-intimati fil-Mandat hu żżejjed u sar b'qerq bħala tpattija għal sentenza li huwa kien kiseb kontra l-istess intimati biex itemm il-kirja, ineħħihom mill-posta u jitlobhom iħallsuh il-kera taż-żmien li damu jżommu l-istess post[1];

Illi l-intimati jwarrbu l-ilmenti tar-rikorrent u, fl-ewwel lok, iqanqlu kwestjoni tas-siwi tal-ati tar-Rikors innifsu. Jgħidu li ladarba huma kienu fetħu kawża kontra r-rikorrent, ir-Rikors messu tressaq fl-atti tal-kawża u mhux fl-atti tal-Mandat. Fil-mertu, qalu li bosta mill-ilmenti li jsemmi r-rikorrent għandhom mill-mertu tal-każ u mhux posthom fi proċedura bħal din. Fl-aħħar qalu li ma jsibu l-ebda diffikulta' li jagħtu garanzija b'ġidhom, jekk kemm-il darba l-Qorti tordnalhom jagħmlu dan;

Illi jeħtieġ l-ewwel li l-Qorti tistħarreġ **l-ewwel preġudizzjali mqanqla mill-intimati,** għaliex din tolqot is-siwi tal-proċedura mibdija mir-rikorrent. L-intimati qegħdin jgħidu li r-rikors imissu kien jirreferi għall-kawża li huma fetħu kontrih u mhux għall-Mandat li hu jrid issa jwaqqa'. Jirriżulta bħala fatt li, sewwasew dak inhar li l-intimati kisbu l-ħruġ tal-Mandat, ressqu wkoll kawża b'Rikors Maħluf[2] bil-pretensjonijiet tagħhom kontra r-rikorrent. Dik il-kawża għadha qegħda tinstema'. L-intimati jilmintaw mill-fatt li r-rikors jirreferi għall-Mandat u mhux għall-kawża u jgħidu li għalhekk ir-rikors ma jgħoddx;

Illi l-kwestjoni tas-siwi ta' atti ġudizzjarji hija waħda li l-liġi tħares lejha b'serjeta' u, fl-istess waqt, tqisha bħala raġuni

[1] Rik. Nru. 672/06JRM maqtugħa fit-22.11.2006
[2] Rik. Nru. 726/07JRM

straordinarja li trid tkun waħda minn dawk ir-raġunijiet li l-liġi nnifisha tgħid li jwasslu biex att ġudizzjarju jitqies null[3]. Jekk in-nullita' reklamata ma titqiegħedx taħt xi waħda mill-erba' ċirkostanzi maħsuba f'dak l-artikolu, l-att ma jistax jitqies null. Mhux hekk biss, imma l-istess artikolu jaħseb ukoll li, fejn minkejja li jkun hemm formalment raġuni biex att ġudizzjarju jitqies ma jiswiex, l-att xorta waħda ma jitħassarx jekk kemm-il darba jista' jissewwa taħt kull dispożizzjoni oħra tal-liġi. L-intimati ma jsemmux taħt liema mill-erba' dispożizzjonijiet tal-liġi huma jqisu li r-rikors tal-lum ma jiswiex: isemmu biss degriet mogħti minn din il-Qorti (diversament presjeduta) fit-12 ta' Lulju, 2007[4], u li huma jgħidu li jagħtihom raġun;

Illi l-Qorti ma tistax tilqa' l-argument tal-intimati;

Illi fl-ewwel lok, l-artikolu 836(1) tal-Kapitolu 12 ma jgħidx li rikors bħal dak irid jitressaq tabilfors fl-atti tal-kawża, imma "lill-qorti li tkun qegħda tittratta dik il-kawża". L-għan li dik id-dispożizzjoni taħseb għalih – jiġifieri li l-ġudikant li jkun qiegħed iqis il-mertu tal-kwestjoni jkun ukoll dak li jistħarreġ jekk għandux jilqa' t-talba għat-tħassir tal-Mandat – ma jintlaħaqx biss jekk kemm-il darba r-rikors għar-revoka jitressaq fl-atti tal-kawża li tkun. Kemm hu hekk, f'dan il-każ, ir-rikors xorta waħda nġab quddiem din il-Qorti kif presjeduta minkejja li jirreferi għall-Mandat, sewwasew għaliex din il-Qorti kif presjeduta għandha quddiemha l-kawża li nfetħet wara li nħareġ il-Mandat;

Illi, fit-tieni lok, iċ-ċirkostanzi li jgħoddu għal dan il-każ ma jaqblux għal kollox ma' dawk li seħħew fil-każ tad-degriet fuq imsemmi li għalih jagħmlu riferenza l-intimati, fejn kienu tressqu żewġ rikorsi – wieħed fl-atti tal-kawża u l-ieħor fl-atti tal-Mandat, u fejn ir-rikorrenti eżekutati kienu ċedew ir-rikors li ressqu fl-atti tal-kawża;

Illi fit-tielet lok, din il-Qorti tista' dejjem tordna li jissewwa xi nuqqas fir-Rikors imressaq quddiemha bi tħaddim tal-*proviso* tal-artikolu 789(1) tal-Kodiċi flimkien mal-artikolu 175. Imma, għar-raġunijiet diġa' msemmija, din il-Qorti

[3] Art. 789 tal-Kap 12
[4] Onor. Imħallef A. Lofaro fl-Atti tar-Rikors Nru. 884/06

lanqas tħoss il-ħtieġa li tagħmel dan. Fuq kollox, l-intimati ma fissrux – kifi irid l-artikolu 789(1)(ċ) tal-Kodiċi – x'inhu l-preġudizzju irrimedjabbli li qegħdin iġarrbu bil-fatt li r-rikors tressaq kif tressaq, jew kif sejjer inaqqsilhom is-saħħa tal-każ tagħhom;

Illi għalhekk, il-Qorti qegħda twarrab din l-ewwel preġudizzjali bħala waħda mhix mistħoqqa fiċ-ċirkostanzi;

Illi r-raġunijiet imressqin mir-rikorrent bħala dawk li għalihom huwa qiegħed jitlob ir-rimedji msemmijin fir-rikors tiegħu huma: (a) li l-ammont imsemmi bħala kreditu fil-Mandat m'huwiex *prima facie* ġustifikat jew huwa eċċessiv[5]; (b) li l-garanzija mogħtija tista' titqies biżżejjed[6]; u (ċ) minħabba li fiċ-ċirkostanzi ma huwiex raġonevoli, meħtieġ jew ġustifikabbli li l-Mandat jinżamm fis-seħħ[7];

Illi, b'żieda mat-talba għat-tħassir tal-Mandat, ir-rikorrent qiegħed jitlob ukoll li l-intimati eżekutanti jiġu ordnati jħallsu penali[8] u li jagħtu garanzija xierqa[9], fiż-żmien li l-Qorti tagħtihom, biex tagħmel tajjeb għall-ħlas tal-penali u għad-danni u l-imgħax li 'l quddiem huma jistgħu jiġu kundannati jħallsu lir-rikorrent eżekutat. Uħud minn dawn it-talbiet huma alternativi għall-ewwel talba, għaliex huwa ovvju li jekk kemm-il darba tintlaqa' l-ewwel talba, ma jkun hemm l-ebda ħtieġa li l-intimati eżekutanti jiġu ordnati jressqu l-garanzija;

Illi, għat-talbiet tar-rikorrent, l-intimati eżekutanti jilqgħu billi jgħidu li l-Mandat inħareġ sewwa u li dan inħareġ sewwasew biex jagħmel tajjeb għall-pretensjonijiet li huma għandhom kontra r-rikorrent kif dedotti minnhom fil-kawża fuq imsemmija;

Illi, kif ingħad bosta drabi fi proċeduri bħal dawn, l-istħarriġ li għandha tagħmel il-Qorti huwa biss wieħed *prima facie* u dan għaliex il-mertu jmissu jiġi mistħarreġ fil-kawża

[5] Art 836(1)(d) tal-Kap 12
[6] Art. 836(1)(e) tal-Kap 12
[7] Art 836(1)(f) tal-Kap 12
[8] Art 836(8) tal-Kap 12
[9] Art 838A tal-Kap 12

proprja bejn il-partijiet[10]. Għalhekk, hija l-fehma tal-Qorti li m'għandhiex tifli fil-mertu l-kwestjonijiet li nqalgħu bejn il-partijiet ukoll f'dan l-istadju, liema eżerċizzju huwa mħolli meta din il-Qorti tisma' l-kawża fil-waqt xieraq tagħha. Fil-każ li l-Qorti għandha quddiemha, jidher li r-rikorrent sejjes biċċa sewwa mill-każ tiegħu fuq l-interpretazzjoni tal-kuntratt tal-kirja. Dan, kif sewwa qal l-għaref difensur tal-intimati fir-Risposta u wkoll fit-trattazzjoni, huwa kollu l-mertu dibattut bejn il-partijiet u għalhekk ma jmissux jitqies mill-Qorti f'dan l-istadju. Il-Qorti taqbel ma' din is-sottomissjoni, u sejra toqgħod biss fuq dak li mad-daqqa t'għajn jidher mill-atti bla ma tgħaddi l-ebda ġudizzju fuq xi aspett tal-mertu;

Illi issa l-Qorti sejra tgħaddi biex tqis l-aspetti ta' dritt li jsawru l-każ. Għandu jingħad li dak li l-Qorti trid tasal għalih f'din il-proċedura hu li tistħarreġ li r-rekwiżiti mitluba mil-liġi għall-ħruġ tal-Mandat jidhru mill-att innifsu u li dan ma nħariġx b'mod abbużiv[11];

Illi r-rikorrent isemmi tliet kawżali li dwarhom jistenna li t-talbiet tiegħu jiġu meqjusa:

A) <u>Li l-ammont mitlub m'huwiex *prima facie* ġustifikat jew hu eċċessiv</u> [Art. 836(1)(d)]. Ir-rikorrent jibni l-ilment tiegħu kontra l-intimati f'dan ir-rigward billi jgħid li l-ammont ta' kreditu pretiż mill-istess intimati ukoll mad-daqqa t'għajn jidher eċċessiv u wkoll billi huma ma ressqu l-ebda prospett biex ifissru kif waslu għal dik is-somma. Fuq kollox, jirreferi għal Mandat ta' Sekwestru ieħor maħruġ mill-istess intimati kontrih fis-7 ta' Settembru, 2007[12], fejn huma jsemmu somma wisq anqas bħala "kreditu" għall-ħruġ tal-Mandat;

Illi l-intimat fix-xhieda tiegħu[13] jfisser li kemm żamm il-post f'idejh għamel bosta spejjeż strutturali u xtara makkinarju li, mbagħad kellu jerġa' jbigħ meta nħareġ mill-post. Ma

---

[10] Ara P.A. RCP **7.2.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Visa Investments Ltd. vs Blye Engineering Co. Ltd***

[11] Kumm GMA **23.6.1994** fil-kawża fl-ismijiet ***Paul Ħili et Dr. Joselle Farruġia noe et*** (mhix pubblikata)

[12] Mandat Nru. 1323/07, Dok "Ġ" f'paġġ. 37-9 tal-atti

[13] 1.11.2007, f'paġġ. 81-3 tal-atti

ta l-ebda figura ta' dawn l-ispejjeż, iżda, għall-kuntrarju, stqarr li biċċa mill-makkinarju beda jbiegħu għalkemm qajla ġab prezzu;

Illi l-Qorti tifhem li l-kejl li għandu jittieħed biex jitqies it-tħassir ta' Mandat kawtelatorju taħt din ir-ras huwa wieħed li jorbot il-kawżali tal-istess Mandat mal-kreditu msemmi fih. Dan ifisser li l-Qorti għandha tistħarreġ fl-ewwel lok jekk jirriżultax mad-daqqa t'għajn li r-rikorrent eżekutant għandu bażi ta' pretensjoni, u fit-tieni lok jekk wasalx biex "jillikwida" tali pretensjoni f'somma li taqbel mal-ammont minnu maħluf fil-Mandat. Wieħed m'għandu qatt jinsa li f'dan il-kuntest, il-Qorti trid tkun gwidata mill-prinċipju li d-dritt għall-azzjoni ġudizzjarja m'għandux jiġi mfixkel jew imġarrab b'leġġerezza, u l-ieħor daqstant siewi li huwa dritt li persuna tħares l-interessi tagħha fil-milja tagħhom sakemm il-jedd sostantiv lilha kontestat jiġi definit minn Qorti[14];

Illi biex ammont imsemmi f'att kawtelatorju jitqies li huwa eċċessiv, jeħtieġ li jintwera li dan ikun eżaġerat fid-dawl tat-talba li ssir[15] jew ikun tant grossolan li ma jistax ma jidhirx mad-daqqa t'għajn bħala wieħed magħmul b'mod ażżardat. Fiċ-ċirkostanzi, l-Qorti ssib li l-intimati ma tawx tifsira xierqa għal kif waslu biex ħalfu li ġarrbu b'erbgħin elf lira Maltin (Lm 40,000) f'danni mill-fatt li kellhom il-post f'idejhom. Fuq kollox, lanqas ma ngħatat tifsira xierqa dwar ir-raġuni għaliex, bilkemm xahrejn wara l-ħruġ tal-Mandat preżenti, reġgħu ħarġu Mandat ta' Sekwestru ieħor kontra l-istess rikorrent sewwasew bil-kawżali tgħid "sabiex jiġi kawtelat l-ammont pretiż fil-kawża fl-ismijiet premessi (726/07JRM)". L-iżjed ħaġa li tolqot l-għajn f'dan it-tieni Mandat hija li l-kreditu pretiż kien ta' Lm 2335.69;

Illi l-Qorti ma ngħatat l-ebda raġuni għaliex, ladarba l-Mandat preżenti suppost li nħareġ mill-intimati dak inhar li ressqu l-kawża kontra r-rikorrent biex jikawtela l-pretensjonijiet tagħhom f'dik il-kawża, kellu "jissaħħaħ"

---

[14] Ara P.A. RCP **29.11.2001** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***Vincent Merċieca vs George Galea***

[15] Ara P.A. GV **6.12.1999** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***Salvino Farruġia noe vs Exalco Holdings Ltd.***

b'ieħor b'ammont wisq anqas xahrejn wara biex jikkawtela l-istess pretensjonijiet fil-kawża;

Illi hawnhekk il-Qorti tara li jgħodd ħafna l-kliem ta' din il-Qorti (diversament presjeduta) f'deċiżjoni[16] mogħtija f'każ bħal dan fejn ingħad li l-ħruġ ta' Mandat kawtelatorju wara li l-kreditur ikun diġa ħareġ mandat jew mandati oħrajn (fejn il-kreditu tiegħu jkun ġie kopert biżżejjed) hu għamil li l-liġi trid tevita. Dan għaliex "il-Mandati kawtelatorji qegħdin hemm biex iservu ta' tarka għal min jippretendi li hu kreditur, pero' m'għandhomx jintużaw bi skop li jweġġgħu jew ipattu aktar milli (biex) jikawtelaw. Anke jekk id-diversi Mandati li tipporovdi l-liġi jinħarġu kontestwalment, hu dmir tal-kreditur, hu dmir tal-kreditur li jsegwi l-effetti tal-Mandati u jekk jara li ġie kawtelat aktar milli meħtieġ, hu stess għandu jieħu l-inizjattiva biex jitlob it-tħassir ta' dawk il-Mandati 'żejda'". F'dan il-każ, ġara iżjed minn hekk, għaliex it-tieni Mandat inħareġ iżjed minn xahrejn wara l-ewwel wieħed bi kreditu pretiż bil-bosta anqas minn dak imsemmi fil-Mandat preżenti;

Illi għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti ssib li t-talba tar-rikorrent fuq din il-kawżali hija mistħoqqa;

Illi għalhekk, m'huwiex il-każ li l-Qorti tgħaddi biex tistħarreġ ukoll iż-żewġ kawżali l-oħrajn li fuqhom ir-rikorrent talab it-tħassir tal-Mandat;

Illi r-rikorrent talab ukoll żewġ rimedji alternativi għat-tħassir tal-Mandat ta' Sekwestru taħt eżami. Talab l-ewwelnett il-kundanna tal-intimata eżekutanti għall-ħlas ta' penali; u talab ukoll it-tqegħid min-naħa tal-intimati eżekutanti ta' garanzija xierqa biex tagħmel tajjeb għad-danni li l-istess rikorrenti jista' juri li jkun ġarrab minħabba l-Mandat. Il-Qorti, ladarba sabet raġunijiet tajbin biżżejjed biex tħassar għal kollox l-effetti tal-Mandat, jifdlilha tqis biss jekk hemmx l-estremi għall-kundanna tal-intimati eżekutanti għall-ħlas tal-penali;

---

[16] P.A. TM **5.6.2003** fl-atti tar-Rikors fl-ismijiet ***Emanuel Sammut et vs Josephine Sammut*** (Rik. Nru. 1094/02)

Illi dwar il-kwestjoni tal-impożizzjoni tal-penali, irid jingħad li din hija sanzjoni fakoltativa. Il-Qorti, fid-diskrezzjoni tagħha, tista' taqbel li tgħabbi lil min ikun ħareġ Mandat kawtelatorju kontra persuna, u fuq talba ta' din, b'piena ta' ħlas ta' penali. Minbarra li tali impożizzjoni hija fakultativa[17], irid jintwera għas-sudisfazzjon tal-Qorti li trid tkun seħħet waħda miċ-ċirkostanzi maħsubin mil-liġi biex tali sanzjoni tiġi imposta. Għalkemm il-liġi tagħti lill-Qorti diskrezzjoni jekk timponix penali, il-liġi trid li l-penali tkun inflitta jekk jirriżultaw l-estremi maħsuba mil-liġi u tista' tagħżel biss li ma timponix tali penalita' f'każijiet estremi fejn is-sens ta' ġustizzja hekk jimponi[18], u dan għaliex penali bħal dik hija meqjusa bħala miżura ta' ordni pubbliku maħsuba li tara li tinżamm is-serjeta' tal-proċediment ġudizzjarju u teħles mill-abbuż li jista' jsir bl-atti kawtelatorji;

Illi l-liġi ssemmi erbgħa (4) ċirkostanzi f'dan ir-rigward u, ladarba huma sanzjoni punittiva, għandhom jitqiesu strettament bħala tassattivi[19]. F'dan il-każ, ir-rikorrent qiegħed isejjes il-pretensjoni tiegħu fuq dik iċ-ċirkostanza maħsuba taħt l-artikolu 836(8)(d) tal-Kap 12, li jitkellem dwar ħruġ ta' Mandat b'malizzja jew b'għan fieragħ jew biex idejjaq;

Illi dwar dan, ir-rikorrent jissottometti li l-intimati ħarġu l-Mandat b'ħażen u bi ħsieb li jagħmlulu ħsara għalxejn, jew bi tpattija għall-kawża li kien rebħilhom xi ftit xhur qabel. Min-naħa tagħhom, l-intimati jgħidu li kellhom kull jedd li jitolbu l-ħruġ tal-Mandat u li huma tassew għandhom pretensjonijiet validi kontra r-rikorrent;

Illi dwar jekk il-Mandat inħariġx b'mod vessatorju jew għal raġuni frivola, jingħad biss li dan ifisser li l-proċedura meħuda fil-ħruġ tal-Mandat trid tkun waħda ta' abbuż mid-dritt li wieħed jadixxi għall-Qorti għar-rimedju[20];

---

[17] Ara, per eżempju, P.A. RCP **30.5.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***Yorkie Clothing Ind. Ltd. vs Calleja Cremona***

[18] App. Ċiv. **13.3.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph Rapa vs Raymond Sammut***

[19] Ara P.A. TM **13.3.2003** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***Cole Foods Ltd. vs Euro Imports Ltd.***

[20] Ara, per eżempju, Kumm. **24.1.1895** fil-kawża fl-ismijiet ***Denaro vs Page noe*** (Kollez. Vol: **XV.34**); u P.A. RCP **31.5.2000** fil-kawża fl-ismijiet ***Cammast Ltd. vs Joseph E. Gauċi et***

Illi l-Qorti, f'dan l-istadju u fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet diġa' magħmula iżjed 'il fuq, tasal għall-fehma li ma jistax jingħad li l-Mandat, meta nħareġ, kien wieħed fieragħ jew li nħareġ abbużivament. X'aktarx, iżda, li kien maħsub li jdejjaq lir-rikorrent, ukoll minħabba s-somma li kienet indikata bħala l-kreditu pretiż (u li bil-Mandat li nħareġ wara ntwera li kienet wisq ogħla minn dak li kienu qegħdin jippretendu bħala kumpens). Fil-fehma tal-Qorti huwa biżżejjed li jintwera li tkun tapplika waħda mit-tliet ċirkostanzi maħsubin fl-artikolu 836(8)(d) biex ikun hemm raġuni tajba għaliex min ħareġ il-Mandat għandu jkun ordnat li jħallas il-penali hemm maħsuba;

Illi f'dan il-każ, il-Qorti ssib li jeżistu ċ-ċirkostanzi biex tapplika fil-konront tal-intimati eżekutanti tali sanzjoni, ukoll għaliex baqgħu jippersistu fl-għamil tagħhom minkejja li reġgħu ikkawtelaw irwieħhom doppjament dwar l-istess pretensjonijiet. Il-Qorti tagħżel li tiffissa tali penali fis-somma ta' sitt mitt lira Maltija (Lm 600)[21];

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qegħda taqta' u tiddeċiedi billi:

**Tilqa' l-ewwel talba** tar-rikorrent u tordna t-tħassir tal-Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju numru 980/07 fl-ismijiet premessi maħruġ fl-4 ta' Lulju, 2007;

**Tilqa' t-tieni talba** tar-rikorrent u tikkundanna lill-intimati eżekutanti miżżewġin Galea jħallsuh is-somma ta' sitt mitt lira Maltija (Lm 600)[22] bħala penali;

**Tastjeni milli tqis it-tielet talba** ladarba laqgħet l-ewwel talba; u

Tordna li l-**ispejjeż ta' din il-proċedura** jitħallsu mill-intimati eżekutanti.

Mogħti kameralment illum, il-21 ta' Novembru, 2007.

[21] €1398
[22] €1398

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------